**Green Paper Review Brussels I (Regolament (EC) No 44/2001)**
**Laqgħa ta' Konsultazzjoni MEUSAC 31.8.09**
**Notamenti**

**Għan tal-laqgħa**

- Kummissjoni ħarġet rapport u wara Green Paper fuq kif kif dan ir-Regolament 44/2001 magħruf bħala Brussels I jista' jitjieb, kemm bħala text kif ukoll bħala operat.
- Malta tat il-pożizzjoni preliminari tagħha fuq il-Green Paper, li bażikament kienet waħda favorevoli. Hemm xi aspetti li għadna ma tajniex pożizzjoni preliminari dwarhom għax ridna nikkonsultaw ftit mal-industrija u ma' min jutilizza l-iktar dan l-istrument.

**Sfond**

- kamp tal-ligi huwa d-dritt internazzjonali privat (private international law) ez semplici: franciz ikun qed isuq f'malta u jtajjar taljana. Liema ligi tapplika biex issib responsabilta' civili? Ta' Malta fejn sar l-incident? Tal-franciz li hu l-persuna responsabbli u allura l-kawza tkun kontrih? Tat-taljana li hi l-vittma?

- dritt internazzjonali privat (PIL) jittratta dwar
a. liema ligi sostantiva se napplikaw ez regoli tas-sewqan
b. liema qorti se tisma' l-kaz u tapplika dik il-ligi maghzula
c. liema ligi tal-procedura se timxi fuqha dik il-qorti

- fil-kaz ta' dan l-incident tat-traffiku, rridu niddeciedu wkoll mhux biss liema ligi sostantiva se napplikaw, imma wkoll liema qorti se tisma l-kaz (liema qorti ghandha gurisdizzjoni).

- pajjizi differenti ghandhom ligijiet sostantivi differenti, kif ukoll dritt internazzjonali privat differenti.

- Fil-kaz ta' Malta, m'ghandniex PIL miktub, napplikaw id-dritt Ingliz. Ftit li xejn ikollna kawzi fejn ikun mehtieg li tapplika PIL.

- Ovvjament imma ghandna ligi dwar meta l-qrati taghna ghandhom gurisdizzjoni, l-artiklu 742 tal-COCP Kap 12. Bazi ta' gurisdizzjoni tal-qrati taghna huma ez f'kawzi kontra cittadin Malti, kontra persuna domiciljata hawn, meta l-kawza hi dwar immobbli li qieghed f'Malta etc. Art 742(6) jipprovdi li jekk dan l-artiklu jikkonfliggi ma' regoli tal-UE fuq is-suġġett, dawn jipprevalu.

- Hemm hafna variables fil-PIL kif ukoll kumplikazzjonijiet.
- ✓ Ez x'jigri meta ghandek zewg qrati ta' pajjizi differenti li t-tnejn jghidu li ghandhom gurisdizzjoni?
- ✓ X'jigri meta ghandek diversi konvenuti (kawza tkun kontrihom) gejjin minn pajjizi differenti?
- ✓ X'jigri jekk ikollok kawza ohra fuq l-istess haga diga ghaddejja f'pajjiz iehor? Jekk il-qrati kollha li kellhom x'jaqsmu mal-kaz partikolari jiddeciedu li m'ghandhomx

gurisdizzjoni, attur jibqa bla rimedju? definizzjonijiet differenti ta' domicilju u kliem iehor importanti.

- UE tipprova tarmonizza oqsma differenti ta' PIL ta' MS biex hekk tiffacilita c-caqliq liberu ta' persuni permezz ta' koperazzjoni ġudizzjarja f'materja ta' natura ċivili. Hemm diversi regulations f'dan il-kamp legali, fosthom
  - ✓ Rome I, li tarmonizza PIL fuq kuntratti,
  - ✓ Rome II, li tarmonizza PIL fuq obbligazzjonijiet ta' tort bhal dan il-kaz ta' incident tat-traffiku (it-tnejn fuq ligi sostantiva)
  - ✓ manteniment (Regulation EC 4/2009) (fiha ligi sostantiva u fuq ġurisdizzjoni u enforzar),
  - ✓ affarijiet matrimonjali u kura u kustodja ta' tfal (ġurisdizzjoni , rikonoxximent u enforzar Regulation EC 2201/2003 Brussels II bis, u
  - ✓ din li se nitkellmu fuqha, Brussels I, Regulation 44/2001 (ġurisdizzjoni , rikonoxximent u enforzar ta' sentenzi ent of judgements in civil and commercial matters).

- Qabel Brussels I Regulation, l-ewwel kien hemm trattat bejn l-istati membri, Brussels Convention. Ir-Regolament tejjeb fuq dan it-Trattat u aggornah. Hemm ukoll it-Trattat ta' Lugano, li għandu kontenut simili imma ffirmat bejn EU u l-pajjizi tal-EFTA. Trattat ġdid bejn l-EU u l-EFTA se jieħu post it-Trattat ta' Lugano dalwaqt.

**Fil-qosor fuq Brussels I 44/2001**
(dan suġġett għal ħafna eċċezzjonijiet)

- tistabilixxi principju li kawza kontra persuna domiciljata f'MS ghandha tinstema fil-qorti ta' dak l-istat

- tistabilixxi certi eccezzjonijiet (imsejha *special jurisdiction*) ghal din ir-regola: ez:
  - fil-kaz ta' kawzi dwar kuntratt, il-qorti tal-MS fejn iridu jitwettqu l-obbligi ghandha gurisdizzjoni
  - kawza ghal danni, il-qorti tal-istat fejn sehhet il-grajja dannuza ghandha gurisdizzjoni
  - Fejn hemm konvenuti differenti b'domicilju differenti, kawza tista tinstema f'xi qorti minnhom fejn xi hadd minnhom ghandu domicilju
  - F'kawza dwar immobbli, fejn hemm il-proprjeta'

- tistabilixxi wkoll regoli partikolari dwar certi oqsma bhal: (japplikaw dawn flok il-principju generali):
  - insurance (fejn l-assigurazzjoni hi domiciljata)
  - konsumatur (ghandu ghazla fejn jiftah kawza, jew fejn hu domiciljat hu jew fejn hu domiciljat l-iehor)
  - impjieg (kawza kontra employer tinstema mill-qorti tad-domicilju tieghu, imma kawza kontra impjegat bilfors fil-qorti tad-domicilju tal-impjegat)

- tistabilixxi regoli ta' *exclusive jurisdiction* (hemm biss):
  - immobbli – fejn hemm l-immobbli

- fuq twaqqif u *dissolution* ta' kumpaniji – fejn il-kumpanija ghandha s-seat
- patents u trade marks, fejn saret ir-registrazzjoni
- jekk ikun hemm ftehim fuq *choice of court*, dik il-qorti

- *lis pendens* – il-qorti li quddiemha jigi l-kaz l-ewwel, ghandha gurisdizzjoni
- qorti tista tohrog *protective measures*, ez mandat t'inibizzjoni, anke jekk qorti ohra ghandha gurisdizzjoni

- *recognition* – sentenza ta' MS rikonoxxuta dejjem hlief
  - ✓ jekk kontra *public policy* jew
  - ✓ problema fin-notifika jew
  - ✓ hija rrikonciljabbli ma' xi sentenza li nghatat qabel fuq l-istess kaz, jew
  - ✓ jekk hu kontra r-regoli ta' gurisdizzjoni (bla qatt ma qorti tidhol fil-mertu ta' decizjoni ta' qorti ohra)

- *enforcement*: jekk ikun dikjarat enforzabbli fl-MS fejn inghatat is-sentenza, allura jkun enforzabbli fl-istati kollha.

- Procedura ghal infurzar fi stat iehor:
  - ✓ kopja awtentika tas-sentenza u
  - ✓ certifikat mahrug mill-qorti jew awtorita' fejn inghatat is-sentenza u
  - ✓ l-persuna jaghmel talba fl-istat l-iehor biex dik is-sentenza tkun enforzata hemm.

- Ovvjament ghal Malta dan ir-Regolament daħal fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2004. Aktarx ghadu kmieni biex tghid kif sejrin fuqha.

**Green Paper**

- hi hafna iktar fuq gurisdizzjoni milli fuq *recognition and enforcement*
- bbazata fuq rapport maghmul fuq informazzjoni li gejja mill-oqsma differenti koncernati fuq id-diffikultajiet li kienu qed isibu fit-thaddim ta' Brussels I.
- fiha bhal kull green paper, hafna *options*, impossibbli nsemmu kollox.
- Bħala kumment ġenerali nistgħu ngħidu li l-armonizzazzjoni ta' dawn ir-regoli hi haga pozittiva ghax kulhadd ikollu certezza ta kif se jahdmu l-affarijiet, ma jkunx hemm *forum shopping* u spejjez bla bzonn. Xorta ghandu jkun hemm certi *safeguards* fl-opinjoni tieghi, bhal *public policy* etc.

1. green paper tipproponi li kemm jista' jkun jitnehhew jew jithaffu iktar il-proceduri biex sentenza tkun enforzata (exequatur)

- fil-kaz ta' talbiet kontestati (contested claims) idealment ma jibqax iktar *intermediate procedures* imma jibqghu is-*safeguards* (*public policy*, problemi ta' notifika)
- fil-kaz ta' *uncontested claims*, ġa tneħħew l-*intermediate procedures* (European Enforcement Order Regulation 805/2004 – qorti t'origini tiddikjara li sentenza hi enforzabbli f'MS ohra ghax jiccekkjaw fuq notifika huma stess.
- Fil-kaz ta' *contested claims*, ga tigri wkoll fil-kaz ta' manteniment fejn il-ligi sostantiva hi armonizzata u hemm il-possibilita' li wiehed jattakka l-enforzar ta' sentenza ghax ma kienx notifikat jew problemi simili.

- Jekk se tidhol dan it-tip ta *special review*, trid tkun ukoll armonizzata fi Brussels I.

2. green paper titkellem fuq sentenzi ta' pajjizi li m'humiex MS u dwar kawzi bejn persuna minn MS u persuna li mhix minn MS.

- f'dat-tip ta kawzi fejn persuna minn MS u persuna li mhix, il-parti li hi minn MS kollha ghandhom l-istess interess vis a vis 3rd states u allura tajjeb li jkollna regoli ta' gurisdizzjoni komuni ghal dawn it-tip ta' kazijiet vis a vis 3rd states.
- Inzommu l-istess regoli ta' gurisdizzjoni? Xi *options*:

a. J(jurisdiction) ibbazata fuq fejn issehh l-attivita
b. Fuq fejn qeghdin l-assi
c. Forum necessitatis (MS jiddeciedi jisma kaz meta skond ir-regulation m'ghandux ġurisdizzjoni imma hu impossibbli jinstemghu fi stat mhux membru.

- problema li jista jkun li regola armonizzata ta' MS u regola ta' ġurisdizzjoni ta' *3rd state* juru li t-tnejn ghandhom J. Hekk ikollok *parallel proceedings*, u din irridu niddeciedu x'se jigri f'dal-kaz.
- Dwar kemm nenforzaw sentenzi ta' *3rd state,* irridu niddeciedu kif u f'liema cirkustanzi se nenforzawha u x'jigri jekk din is-sentenza tmur kontra l-ligi Komunitarja jew ikun hemm *parallel proceedings* fil-qorti ta *3rd state.*

3. green paper tfittex li *choice of court agreements* ikunu enforzati kemm jista jkun

- *choice of court agreement* ifisser li l-partijiet meta qed jaghmlu bicca negozju jew f'xi kuntratt iehor jaqblu li jekk tinqala xi problema, l-kaz hu regolat mil-ligi tal-pajjiz partikolari u jinstema fil-qorti tat-tali pajjiz. Ghax hi r-rieda tal-partijiet ghandu jinghata l-ikbar effett possibbli.
- Diversi *options* biex dan isir:

a. ma tibqax tapplika ghalihom *lis pendens rule (court 1st seized has jurisdiction*) ghax il-partijiet ikunu ga ghazlu. Imma hekk ma jkunx hemm regola x'jigri f'kaz ta' *parallel proceedings*.
b. Tipprovdi li jekk hemm *choice of court agreement, court chosen* tirbah fuq *court first seized.* Din ga tezisti fil-kaz ta' partijiet mhux domiciljati fil-MS. Jista jkollok problema ta' invalidita' ta' ftehim u xi qorti trid l-ewwel tiddeciedi fuq il-validita xorta wahda
c. Thalli lis pendens rule tapplika anke meta jkun hemm *choice of court agreement*, u zzid l-obbligu ta' komunikazzjoni bejn il-qrati. Trid toqghod attent li l-attur ma jispiccax minghajr forum intortament ghax forsi *court first seized* tghid m'ghandhiex gurisdizzjoni.
d. Tnehhi lis pendens rule fejn ghandek *parallel proceedings*, wahda on the merits u l-ohra dikjaratorji
e. Taghmel *standard choice of court clause* biex hekk tnaqqas kemm tista l-kwistjoni ta' invalidita' tal-ftehim. Irridu niftakru li m'hemmx regola fuq liema ligi tapplika dwar il-validita ta' *choice of court agreement* ghax kien eskluz minn Rome I

- Forsi (b) flimkien ma' (e) huma tajbin għal Malta.

4. Proprjeta' industrijali

- Il-Kummissjoni qed tahdem fuq *European patent litigation system* fejn ikollok awtorita' li tiddeciedi u tenforza dwar *European patents*. Sadattant nistghu nghinu l-qasam permezz ta' Brussels I.
- problemi li rriżultaw mill-istharrig li sar:
    - ✓ rigward lis pendens, instab li l-partijiet jużaw ħafna tattiċi hekk imsejħa *torpedoes*, għax

- jibdew proċeduri f'qorti oħra li mhix il-qorti kompetenti, u l-iktar fejn il-proċeduri jdumu. L-agħar meta tinbeda kawża dikjaratorja quddiem qorti oħra u wara tinbeda proċedura dwar ksur ta' dritt ta' proprjeta industrijali quddiem qorti separata. Din tal-aħħar ma taċċettax ġurisdizzjoni minħabba l-proċeduri l-oħra li bdew qabel u l-ewwel qorti ma jkollhiex ġurisdizzjoni fuq il-mertu tal-ksur. Hekk ma jkun jista jsir xejn.
- Mod ieħor ta' tfixkil huwa meta fi proċeduri fil-mertu dwar ksur ta' dritt ta' proprjeta industrijali, tingħata l-eċċezzjoni tal-invalidita' tad-dritt. Din il-qorti jkollha tissoprasjedi għaliex kwistjonjiet dwar validita' tad-dritt iridu jinġiebu quddiem il-qorti fejn hu reġistrat id-dritt. Dan itawwal ħafna l-proċeduri.

✓ Diffikulta oħra hi li ma tistax issir proċedura waħda kontra diversi persuni li jiksru dritt ta' proprjeta' industrijali imma li jkunu qed jaġixxu skont politika koordinata ez grupp ta' kumpaniji. Trid tagħmel kawza separata f'kull pajjiż u dan ifisser dewmien u spejjez.

- Il-Green Paper - fejn hemm possibilta ta' *parallel proceedings*, tissuġġerixxi li tiżdied il-komunikazzjoni bejn il-qrati

- fejn hemm bzonn li jsiru diversi kawzi ghax sar ksur ta' dritt ta' *patent* minn diversi persuni/kumpaniji li ghandhom *coordinated policy* ez jkun grupp ta' kumpaniji u kull kumpanija wettqet ksur, jista jkun hemm possibilta ta' kawza wahda kontra diversi nies fi MS fejn qed isir il-koordinament tal-*policy* jew fejn min qed jorganizzaha hu domiciljat. Trid toqghod attent li taghmilha b'mod li ma jkunx hemm possibilta ta' diversi azzjonijiet xorta wahda, u forum shopping. Bħalissa xorta ma tistax issir kawża waħda minn diversi atturi li qegħdin fi stati membri differenti kontra l-istess konvenut fi stat membru marbut ma' dawn l-atturi.

5. lis pendens rule

- jista jkun tajjeb li tipprovdi li lis pendens rule ma tkunx tapplika fejn ghandek kawza dikjaratorja.
- Importanti li ma jkunx hemm kazi fejn bl-applikazzjoni tar-regoli ta' gurisdizzjoni, hadd ma jkollu gurisdizzjoni
- Importanti hafna d-data ezatta ta' meta awtorita jew qorti irceviet l-atti - biex tiddetermina liema qorti kienet *first seized.*

6. *provisional measures* (mandati kawtelatorji, *partial enforcement*)

- qorti minn fejn tohrog is-sentenza ghandha poter tohrog dawn il-mandati, etc Pero l-qorti li ghandha gurisdizzjoni fil-mertu ghandu jkollha poter li tirrevoka dawk ir-rimedji temporanji meta ma jkunx ghad hemm bzonnhom.

7. arbitraġġi

- Fl-1958 fi New York kienet iffirmata l-*UN Convention on recognition and enforcement of foreign arbitral awards.* Tidher li qed tahdem tajjeb. (Kap 387 Att dwar l-Arbitragg ibbazat fuqha).
- Bhalissa Brussels I ma tapplikax ghall-arbitraġġ (art 1d)
- Rigward xi tfisser din l-esklużjoni, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja interpretat il-Brussels Convention fuq esklużjoni identika li fiha u qalet li din tapplika wkoll ghal kawza quddiem qorti nazzjonali li fiha ikun diskuss, anke jekk bhala punt preliminary,

l-ezistenza, il-validita ta' *arbitration agreement* jew dwar il-ħatra t'arbitru. (**Marc Rich and Co AG vs Societa Italiana Impianti PA** ECJ 25.7.1991)

- Pero hemm sentenzi li jissapportjaw arbitragg - fil-prattika, *awards* kienu rikonoxxuti u eżegwiti skont ir-Regolament u ECJ iddeċidiet ukoll li miżuri proviżorji relatati ma' arbitraġġ jistgħu jingħataw diment li l-mertu tal-każ jaqa' fl-ambitu tar-Regolament (ara każ **Van Uden** C-391/95)
- Xi problemi f'dan il-qasam:
    - ✓ Jekk validita' ta klawsola ta' arbitragg tkun rispettata mill-arbitru imma mhux mill-qorti – hekk ikollok proceduri paralleli
    - ✓ Regoli proċedurali li jsaħħu l-arbitraġġi fil-liġi nazzjonali jistgħu ma jkunux kompatibbli mar-regolament jekk jinterferixxu mad-decizjoni tal-qorti ta' MS ieħor dwar il-ġurisdizzjoni tagħhom (ara **West Tankers** C-185/07)
    - ✓ M'hemmx regoli stabbiliti ta' ġurisdizzjoni rigward kawżi anċillari ghall-arbitragg (ara **Marc Rich** C- 190/89) ez re hatra t'arbitru, sede tal-arbitragg, estensjoni ta' skadenzi, hatra t'espert biex jisma provi
    - ✓ Mhux cert jistax isir rikonoxximent u ezekuzzjoni ta' sentenzi dwar validita ta' *arbitration clause*
    - ✓ Huwa process bil-mod ir-rikonoxximent u ezekuzzjoni ta' *awards*
- Green Paper - Brussels I hawn tista tghin billi tipprovdi ghal ġurisdizzjoni u enforzar ta' dawn is-sentenzi relatati mal-arbitragg
- Jekk titnehha din l-eskluzjoni ta' arbitraġġ mill-i*scope* ta' Brussels I parzjalment, jibdew jghoddu anke r-regoli dwar *provisional measures* ghall-arbitragg.
- Forsi ta' min ukoll ikun hemm regola li l-qorti tal-MS fejn isir l-arbitragg ikollha ġurisdizzjoni li tiddeciedi fuq il-validita' tal-award u li ticcertifika li dan hu enforzabbli.

8. manteniment

- ladarba issa hemm Regolament fuq ġurisdizzjoni fil-kaz ta' manteniment, dan ghandu jitnehha mill-i*scope* ta' Brussels I

9. Ġurisdizzjoni

- forsi ta'min inzidu certi regoli specifici fuq ġurisdizzjoni , bhal per ez,
- ✓ li qorti fejn hemm mobbli jkollha ġurisdizzjoni fuq kwistjonijiet dwar pussess tieghu,
- ✓ forsi jkun hemm *exclusive jurisdiction* fejn ghandek kiri ta' *office space* u ma jithallewx jaghmlu *choice of court agreements*
- ✓ definizzjoni ta' 'seat' biex tistabilixxi fejnu domicilju ta' kumpanija ghax bhalissa hemm diversi *presumptions* ta' dan is-seat x'inhu.
- ✓ Forsi tkun tista ssir ukoll kawza wahda li tinkorpora fiha hafna kawzi kontra l-istess persuna fil-kaz ta' mpjieg.
- Forsi wkoll ikun hemm tifsira awtonoma tal-kelma domicile ghax bhalissa kulhadd jinterpretaha differenti.

*10. Recognition and enforcement*

- green paper tissuggerixxi li ladarba sentenza tkun awtentikata, allura tkun rikonoxxuta kullimkien mill-ewwel, bhalma jigri fil-*family matters (maintenance, matrimonial matters)*
- l-ammonti kollha li jkollhom jithallsu ghandhom ikunu stabbiliti fis-sentenza
- bhal fil-kaz ta' *Maintenance Regulation*, ghandu jkun hemm formola li fiha jkollha estratt tas-sentenza biex hekk tnehhi l-bzonn tat-traduzzjoni tas-sentenza shiha, u l-ispejjez jitnaqqsu jekk jitnehha l-bzonn li tahtar kuratur. Fil-fatt Malta l-ftit li jkollna

gieli jutilizzaw l-procedura ta service of document biex iwasslu sentenza ghand xi hadd.

- bhala pozizzjoni ta pajjizi ohra, jidher li b'mod generali jaqblu li Brussels I titjieb. Hemm min irid izomm certi safeguards, u nissuggerixxu li Malta tkun fost dawn, specjalment mhabba l-*public policy* taghna. Importanti hafna li jkun hemm certezza u li nnehhu c-cans ta' *parallel proceedings* ghax dawn joholqu t-tahwid.


**Dr Marvic Sciberras Abdilla**
***Senior Lawyer***
**Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali**
**marvic.sciberras-abdilla@gov.mt**